MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2008

Appell Kriminali Numru. 8/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ignatius Joseph Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ignatius Joseph Fenech  talli f'Ta' Xbiex fil-perijodu ta' bejn is-16 u 17 ta' Lulju 2004, flimkien ma' persuna ohra kkommetta serq ta' ghamara antika, pittura u affarijiet ohra tad-dar mill-fond Lares, Triq Augustus Bartolo, Ta' Xbiex, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000), bil-hin u bil-lok li sehh ghad-detriment ta' Hubert Mifsud;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Jannar 2007, li permezz

taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Ignatius Joseph Fenech hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u, wara li rat l-artikoli 261, 263, 265, 266, 257 [*recte:* 267], 269, 270, 278, 279, 281 u 17 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kkundannatu ghal erba’ snin prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Ignatius Joseph Fenech pprezentat fit-22 ta’ Jannar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull piena u imputazzjoni, u fin-nuqqas tvarjaha u timmodifikaha fis-sens illi filwaqt li tikkonferma s-sejba ta’ htija, tissostitwixxi l-piena ta’ erba’ snin karcerazzjoni ghal wahda li hija aktar kommensurabbli ghac-cirkostanzi, fost ohrajn billi tiehu wkoll in konsiderazzjoni dak li jiddisponi l-artikolu 22 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) Li l-unika prova kontra l-appellant konsistenti f’impronti elevati mix-xena tad-delitt m’ghandhomx iwasslu ghall-htija tieghu peress illi (a) ma kienx prezenti ghall-ezami komparattiv; (b) ir-rapport tas-*scene-of-crime officers* ma giex mahluf u allura ma setax jikkostitwixxi xi forma ta’ prova ghall-istudju komparattiv maghmul minn Joseph Mallia; (c) ir-rapport ta’ Joseph Mallia ma giex mahluf; (2) Minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, hemm lok ta’ riduzzjoni fil-piena peress illi l-ewwel Qorti ma qalitx li ghandu jitnaqqas iz-zmien ta’ l-arrest preventiv, il-piena kienet esagerata u r-reati li taghhom diga` nstab hati huma reati ta’ ksur ta’ regolamenti tat-traffiku.

Din il-Qorti sejra tibda biex tezamina l-ewwel aggravju u sejra tikkonsidra l-ilmenti tieghu taht dan l-aggravju *seriatim*.

L-appellant jilmenta fl-ewwel lok li huwa ma kienx prezenti ghall-ezami komparattiv li sar mill-espert Joseph Mallia. Skond l-appellant, il-principju tal-prezenza ta' l-imputat fi proceduri kriminali tfisser li dan ghandu dritt ikun prezenti mhux biss waqt is-smigh tal-kawza izda anke waqt kull analizi li tista' ssir minn esperti mahtura mill-Qorti.

Din il-Qorti tghid mill-ewwel li l-appellant m'ghandux ragun. L-ewwelnett jirrizulta mill-atti illi l-espert Joseph Mallia gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti fl-istadju ta' l-inkjesta magisterjali u huwa wettaq ix-xoghol tieghu f'dak l-istadju. Difatti sahansitra pprezenta r-rapport tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Ghal kull bwon fini jinghad ukoll li l-anqas ma jirrizulta li l-appellant (allura suspettat) ghamel xi talba – nonostante l-prezenza ta' l-allura Avukat tieghu Dott. Stefan Zrinzo Azzopardi waqt li kienu qeghdin jittiehdu l-impronti ta' l-appellant[1] – sabiex ikun prezenti waqt l-ezami komparattiv li gie nnominat biex jaghmel Joseph Mallia. Quddiem il-Qorti Istruttorja mbaghad giet ikkonfermata il-hatra ta' Joseph Mallia l-istess bhalma giet ikkonfermata l-hatra tal-periti l-ohra.

Issa, il-periti jigu maghzulin mill-Qorti jew mill-Magistrat Inkwirenti f'dawk il-kazijiet li fihom ikun jehtieg hila jew sengha specjali. Huma maghzulin minn fost nies li l-Qorti jew il-Magistrat Inkwirenti jidhrilhom li ghandhom il-kompetenza necessarja fil-qasam li fih tkun mehtiega dik il-hila jew sengha specjali. Certu xoghol irid isir f'laboratorji attrezzati biex isiru l-esperimenti u l-analizi li jkun hemm bzonn. Ghalhekk persuna suspettata jew imputata jew akkuzata ma tistax tippretendi li tkun prezenti waqt li qeghdin isiru tali esperimenti jew analizi li normalment jirrikjedu hinijiet twal ta' xoghol u koncentrazzjoni u anke ta' stennija.

Imbaghad id-dritt ta' persuna imputata jew akkuzata li tkun prezenti ghall-proceduri kriminali tfisser precizament hekk, il-prezenza taghha waqt il-proceduri kriminali fejn ikollha dritt tikkontrolla kemm lix-xhieda kif ukoll il-periti. L-artikolu 653(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-fatt jipprovdi li: **"Il-**

[1] Seduta tat-12 ta' Ottubru 2004 quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

**periti, meta jispiccaw ix-xoghol u l-esperimenti li titlob il-professjoni jew is-sengha taghhom, ghandhom jaghmlu bil-fomm jew bil-miktub ir-rapport taghhom, skond id-direzzjonijiet tal-Qorti."** Inoltre s-subartikolu (2) jipprovdi li: **"Ir-rapport ghandu f'kull kaz isemmi l-fatti u c-cirkostanzi li fuqhom il-periti jkunu ibbazaw il-fehma taghhom."** Barra minn hekk l-artikolu 655 jghid: **"Kull wahda mill-partijiet, il-qorti, u, fil-kazijiet ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, kull wiehed mill-gurati, jistghu jitolbu mill-periti tifsir ahjar fuq ir-rapport taghhom, kif ukoll fuq dak li jidhrilhom li jista' jaghmel aktar cara l-fehma tal-periti."** B'dan il-mod l-imputat jew l-akkuzat ghandu l-mod kif jista' jikkontrolla x-xoghol li jkun sar mill-periti. Izda l-ligi tmur oltre u tissalvagwardja lill-imputat jew l-akkuzat billi tipprovdi fl-artikolu 656: **"Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."**

Quddiem il-Qorti Istruttorja, Joseph Mallia xehed l-ewwel darba fl-4 ta' Marzu 2005 meta gie prodott mill-prosekuzzjoni. Sussegwentement xehed in kontro-ezami fit-23 ta' Gunju 2006 meta wiegeb ghall-mistoqsijiet kollha li dehrilha li kellha taghmel id-difiza.

Ghalhekk l-ewwel ilment qieghed jigi respint.

It-tieni lment ta' l-appellant huwa li l-impronti digitali in kwistjoni ma setghux jikkostitwixxu prova kif trid il-ligi peress illi s-*scene-of-crime officers* ma halfux ir-rapport taghhom. L-appellant jghid illi fil-kaz ta' P.C. 1253 F. Brincat hemm biss miktub li halef ir-rapport pero` ma jidhirx li tali gurament gie amministrat, mentri fil-kaz ta' P.C. 404 P. Camilleri imkien ma jidher illi gie amministrat il-gurament biex jikkonferma r-rapport fl-intier tieghu. Konsegwentement, jissottometti l-appellant, ir-rapport imsemmi qatt ma seta' jikkostitwixxi xi forma ta' prova ghall-istudju komparattiv li ghamel Joseph Mallia.

Hawn ukoll l-appellant m'ghandux ragun. L-ewwelnett jirrizulta mill-atti li fis-seduta ta' l-14 ta' Lulju 2005 xehdu flimkien P.C. 1253 Frederick Brincat u P.C. 404 Pawlu

Camilleri li pprezentaw ir-rapport taghhom li saret referenza ghalih mill-Qorti bhala Dok. PC (ara fol. 46 u 47 tal-process). Dak li ma ndunax bih l-appellant pero` huwa li l-impronti digitali u tal-pala ta’ l-id ma gewx elevati minn dawn is-*scene of crime officers*. Ezami tar-rapport taghhom jindika li P.C. 404 Pawlu Camillei (li mill-atti tal-process verbal ma jirrizultax li kien nominat bhala wiehed mill-esperti) ha r-ritratti filwaqt illi P.C. 1253 Frederick Brincat eleva marki ta’ pedati, filters ta’ sigaretti u bicca karta ta’ pakkett tas-sigaretti Rothmans. L-impronti digitali u tal-pala ta’ l-id gew elevati mill-espert ta’ l-impronti digitali P.S. 659 Jeffrey Hughes li wettaq ir-rapport tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti fil-31 ta’ Awissu 2004 (a fol. 6 *et seq.* ta’ l-atti tal-process verbal) u kkonfermah quddiem il-Qorti Istruttorja fl-14 ta’ Lulju 2005 (a fol. 49 – 51 ta’ l-atti tal-kumpilazzjoni).

Konsegwentement anke t-tieni lment huwa respint.

Permezz tat-tielet ilment tieghu l-appellant jghid illi l-anqas ir-rapport ta’ Joseph Mallia ma kien mahluf skond il-ligi. Dan huwa lment fieragh ghal kollox. Mill-atti tal-process jirrizulta li Joseph Mallia halef il-kontenut tar-rapport tieghu fid-19 ta’ Ottubru 2004 (a fol. 46 ta’ l-atti tal-process verbal). Sussegwentement irtira zewg dokumenti biex ikompli jespleta l-inkarigu tieghu (seduta tal-21 ta’ Ottubru 2004 quddiem il-Magistrat Inkwirenti) u fil-15 ta’ Novembru 2004 rega’ halef ir-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. JM1. Quddiem il-Qorti Istruttorja mbaghad rega’ kkonferma u spjega l-kontenut tar-rapport tieghu (a fol. 13 – 16 ta’ l-atti tal-kumpilazzjoni).

Ghalhekk anke t-tielet ilment huwa michud.
Minn dan kollu jfisser illi ma kien ebda karenza procedurali u li l-ewwel Qorti korrettement setghet tistrieh fuq il-konkluzjonijet peritali ta’ Joseph Mallia.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jilmenta mill-fatt illi l-ewwel Qorti ma ordnatx it-tnaqqis taz-zmien kollu li ilu taht arrest preventiv. Hawn ukoll l-appellant m’ghandux ragun fl-ilment tieghu peress li qieghed jaghti

interpretazzjoni zbaljata ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-artikolu llum jipprovdi hekk:

**“Hlief fil-kaz ta’ kundanna ta prigunerija ghall-ghomor jew ta’ prigunerija jew detenzjoni f’nuqqas tal-hlas ta’ multa jew ammenda, kull zmien qabel id-dikjarazzjoni ta’ htija u l-kundanna li tulu l-ikkundannat ikun inzamm fil-habs ghar-reat jew reati li tieghu jew taghhom huwa jkun gie hekk misjub hati u kkundannat, li ma jkunx zmien maghmul fil-habs f’esekuzzjoni ta’ kundanna, jitqies bhala parti miz-zmien ta’ prigunerija jew detenzjoni taht il-kundanna tieghu; izda jekk l-ikkundannat qabel kien suggett ghal ordni ta’ *probation*, ordni ghal liberazzjoni taht kondizzjoni jew ghal sentenza sospiza dwar dak ir-reat jew reati, kull zmien bhal dak qabel l-ghemil ta’ dak l-ordni jew l-ghoti tas-sentenza sospiza m’ghandux jitqies ghall-finijiet ta’ dan l-artikolu:**

**Izda meta xi zmien qabel id-dikjarazzjoni ta’ htija kif imsemmi qabel ikun, bis-sahha ta’ dan l-artikolu, gie meqjus bhala parti miz-zmien ta’ prigunerija jew detenzjoni taht il-kundanna dwar dik id-dikjarazzjoni ta’ htija, dak iz-zmien ma ghandux jitqies bhala parti miz-zmien ta’ prigunerija jew detenzjoni taht xi kundanna ohra.”**

Dan ifisser li llum mhuwiex mehtieg li l-Qorti tiddikjara hi jekk perijodu maghmul taht arrest preventiv ghandux jitnaqqas jew le sabiex dan jitnaqqas, izda huma l-awtoritajiet tal-habs li ghandhom jassiguraw li, purche` ma jezistux l-eskluzjonijet imsemmijin f’dan l-artikolu, jitnaqqas iz-zmien li l-hati jkun ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reat li dwaru jkun gie kkundannat[2]. Hekk fil-kaz in ezami jidher li z-zmien li l-appellant ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz ghandu jitnaqqas.[3]

---

[2] L-artikolu 22 qabel kien jipprovdi hekk: *“Il-qorti, hi u tiffissa l-piena li tisthoqq, tista’ tqis, fid-diskrezzjoni taghha, kull zmien li tulu l-akkuzat ikun inzamm f’kustodja, qabel ma nsab hati, minhabba r-reat jew reati li bih jew bihom huwa jkun akkuzat.*”

[3] Ara Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Scerri**, 12 ta’ Mejju 2004; **Il-Pulizija v. James Demanuele**, 10 ta’ Novembru 2004; **Il-Pulizija v. Charles sive Charlot Cutajar**, 17 ta’ Dicembru 2004; **Il-Pulizija v. Peter Azzopardi**, 10 ta’ jannar 2005.

L-appellant jghid ukoll li l-piena nflitta kienet esagerata tenut kont li l-isem riskontrat fuq il-fedina penali li rat l-ewwel Qorti mhuwiex l-isem li bih gie akkuzat l-appellant. Fi kwalunkwe kaz, anke jekk il-fedina penali tirreferi ghalih, ir-reati hemm elenkati kollha jidhru li huma reati ta' ksur ta' regolamenti tat-traffiku u mhux xi reati "gravi u pezanti".

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[4].

Fil-kaz in ezami, l-imputazzjoni li taghha nstab hati l-appellant iggorr maghha piena ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin mizjud bi grad. Jigifieri l-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi.

Kwantu ghall-fedina penali, m'hemm l-ebda dubju li l-fedina penali li rat l-ewwel Qorti u li quddiem din il-Qorti ngabet wahda aggornata, hi dik ta' l-appellant. Mill-fedina penali aggornata jirrizulta, almenu *prima facie*, li l-appellant baqa' jikser il-ligijiet tat-traffiku regolarment tant li nstab hati tmien darbiet ohra u f'uhud mill-kazijiet sahansitra gie kkundannat ghal piena ta' detenzjoni jew ta' prigunerija. Kuntrarjament ghal dak li jippretendi l-appellant, uhud mill-kazijiet jirrigwardaw sewqan b'manjera perikoluza jew traskurata kif ukoll sewqan ta' vetturi minghajr licenzja ta' sewqan u minghajr kopertura assikurativa. Dawn huma reati serji li jistghu jkollhom konsegwenzi serji u li bihom l-appellant qieghed juri n-nuqqas ta' affidabilita` tieghu. Barra minn hekk ir-reat li tieghu nstab hati huwa reat gravi u ma ngabet ebda raguni li twassal lil din il-Qorti li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-<u>quantum</u> tal-piena karcerarja.

---

[4] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------